**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.10849 – HUK / BRI / LNN / PITSTOP)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 307/08)

1. Fl-4 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— HUK-Coburg Haftpflicht-Unterstützungs-Kasse kraftfahrender Beamter Deutschlands a.G. ("HUK", il-Ġermanja),

— LNN Flug GmbH ("LNN", il-Ġermanja), proprjetà esklużiva ta' Stefan Kulas,

— Bridgestone Europe NV/AS ("BRI", il-Belġju), is-sussidjarja Ewropea ta' Bridgestone Corporation ("Bridgestone", il-Ġappun),

— pitstop.de GmbH ("pitstop", il-Ġermanja).

HUK, BRI u LNN se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' pitstop kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— HUK hija kumpanija tal-assikurazzjoni b'enfasi fuq l-assikurazzjoni tal-vetturi bil-mutur,

— LNN hija attiva fil-kiri tal-ajruplani,

— BRI prinċipalment tforni tajers ġodda lill-manifatturi tal-karozzi u lill-bejjiegħa bl-imnut tat-tajers. Barra minn hekk, is-sussidjarji tal-BRI huma attivi fil-qasam tat-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi awtomobilistiċi fl-Ewropa,

— pitstop toffri servizzi tipiċi ta' ħanut tax-xogħol fil-qasam tas-servizzi tal-vetturi bil-mutur bħal spezzjonijiet, manutenzjoni u tiswijiet ta' kull tip.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10849 – HUK / BRI / LNN / PITSTOP

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' ħawn taħt:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË